Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta, Nru. 16,539, 14 ta' Novembru, 1997
Taqsima B

A.L. 178 ta' l-1997

ATT DWAR L-EDUKAZZJONI
(KAP. 327)

Statut 11 - Il-Ħarsien tal-Kwalità u l-Awditjar Akkademiku

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija lilu bl-artikoli 30(5) u 31(6) ta' l-Att dwar l-Edukazzjoni (Kap. 327), il-Kanċillier ta' l-Università ta' Malta ppromulga dan l-istatut magħmul mill-Kunsill ta' l-Università ta' Malta bis-saħħa tas-setgħat mogħtija lilu bl-artikoli 31 u 33 ta' dak l-Att:

Titolu

1. Dan l-istatut jista' jissejjaħ l-Istatut 11 ta' l-Università ta' Malta - Il-Ħarsien tal-Kwalità u l-Awditjar Akkademiku.

Applikabilità

2. Dan l-Istatut japplika minn April 1997.

STATUT 11 - IL-ĦARSIEN TAL-KWALITÀ U L-AWDITJAR AKKADEMIKU

1. L-Università għandha tistabbilixxi u tirrevedi regolarment il-politika tagħha dwar il-livelli akkademiċi. Biex tiżgura li dan jitwettaq u li l-livelli ta' kwalità mixtieqa jintlaħqu, għandu jitwaqqaf Kumitat biex jiżgura l-Kwalità u Unit għall-Awditjar Akkademiku.

2. Id-dmirijiet tal-Kumitat biex jiżgura l-Kwalità għandhom jinkludu dawn li ġejjin:

(a) li jistabbilixxi proċeduri għall-evalwazzjoni u l-inkoraġġiment ta' tagħlim, riċerka u servizzi amministrattivi ta' kwalità;

(b) li jwaqqaf skemi biex tiġi rikonoxxuta l-kwalità fis-servizzi u metodi ta' tagħlim innovattivi, fir-riċerka u fis-servizzi amministrattivi; u

(ċ) li jipproponi modi kif jitjiebu s-servizzi ta' l-Università li jsostnu t-tagħlim, ir-riċerka u s-servizzi amministrattivi.

3. Il-Kumitat għall-Ħarsien tal-Kwalità għandu jkun magħmul kif ġej:

Ir-Rettur, jew il-Pro-Rettur bħala delegat tiegħu (Chairman)
Id-Direttur tal-Unit għall-Awditjar Akkademiku (Segretarju)
Ir-Reġistratur
Sitt membri ta' l-istaff akkademiku anzjani maħtura mis-Senat biex jirrappreżentaw dixxiplini differenti
Membru ta' l-istaff akkademiku biex jirrappreżenta l-union ta' l-istaff akkademiku
Membru ta' l-Istaff mhux akkademiku
Student maħtur mis-Senat minn fost ir-rappreżentanti ta' l-istudenti fuq is-Senat.

4. Il-Unit għall-Awditjar Akkademiku għandu jkun magħmul minn Direttur li għandu jkun membru ta' l-istaff akkademiku anzjan fuq bażi part-time, amministratur anzjan fuq bażi full-time, u ħaddiema oħra kif ikun meħtieġ minn żmien għal żmien.